# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Frar 2001

Citazzjoni numru 1142/2000 AJM

Kawza numru

Father Anthony Chircop ghan-nom u in rappresentanza tal-Patrijiet Frangiskani (OFM)

Vs

P & P Properties Limited.

F'dawn il-proceduri li jikkoncernaw allegazzjoni ta' inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta' konvenuta u konsegwentement talbiet sabiex jkun hemm kundanna ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet kuntrattati u likwidazzjoni u hlas ta' penali, qamet il-kwistjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta' dwar l-personalita' ta –attur. Infatti qed jinghad fl-ewwel eccezzjoni li s-socjeta' konvenuta qatt ma kkuntrattat mal-attur skond ma jidher mid-dokument A li gie ezebit mill-attur innifsu.

Kif gja rajna fl-okkju tal-kawza, l-proceduri qeghdin jittiehdu ghan-nom tal-Patrijiet Frangiskani (OFM) mentri l-kuntratt li qed jistrieh fuqu l-attur sabiex jissostanzja t-talbiet tieghu datat 27 ta' Jannar 1997 (Dok

A) jikkoncerna s-socjeta' konvenuta u Father George Aquilina bhalaprokuratur ta' The Maltese Franciscan Province li deher fuq l-istess att "for and on behalf of the "Franciscan Province of Saint Paul the Apostle" in Malta.

Fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2000 ghalhekk l-attur talab li c-citazzjoni tigi korretta billi issir addizzjoni, kull fejn jirrikorri billi wara l-kliem "Patrijiet Frangiskani (OFM)" jizdiedu l-kliem "maghrufa wkoll bhala Patrijiet Frangiskani tal-Provincja ta' San Pawl Appostlu".

Il-konvenut oggezzjona ghal din il-korrezzjoni.

Ikkunsidrat:-

L-artikolu 175(1) tal-Kap 12 jipprovdi li *l-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna is-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita' li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata,* ***sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.*** (enfasi tal-Qorti).

Minn dan l-artikolu li gie sostitwit fil-format presenti bl-Att XXIV tal-1995, wiehed jifhem li l-poter moghtija lill-Qorti fir-rigward ta' korrezzjoni ta' atti gudizzjari fil-pendenza ta' proceduri, huwa wiehed vast u mxekkel biss b'konsiderazzjonijiet ta' meritu tal-kawza b'mod li

tali tibdiliet permess bl-istess artikolu ma jolqotx in-natura jew sustanza tac-citazzjoni jew l-eccezzjoni.

Issa fil-kaz in ezami l-attur xhed li l-ordni tal-frangiskani huwa maqsum f'diversi provincji u kull provincja ghandha isem. U kompla "Issa l-provincja taghna ghandha l-isem hawn Malta ta' San Pawl Appostlu, jigifieri *the Franciscans of Saint Paul Appostle Malta."* Mid-dokument Dok GA1 ezebit jidher li f'Malta hemm biss denominazzjoni wahda tal-Patrijiet Minuri u cioe dik ta' San Pawl Appostlu, liema isem jidher ukoll fl-intestatura tad-dokument GA2 a fol 44 li permezz tieghu Patri Gorg Aquilina, li kien deher fuq il-kuntratt mas-socjeta' konvenuta, kien, fil-kapacita' tieghu ta' prokuratur tal-provincja Maltija tal-Patrijiet Minuri, gie awtorizzat "jirrapresenta u jorbot legalment lill-istess provincja fuq kwalunkwe att notarili u/jew legali ..." Ta minn jinnota f'dan ir-rigward li l-imsemmija awtorizzazzjoni, li in forza taghha sar il-kuntratt fuq imsemmi, Patri Raymond Camilleri O.F.M. li irrilaxxa l-imsemmi dokument fl-14 ta' Frar 1991, gie indikat bhala "Provincjal tal-Provincja Maltija tal-Patrijiet Minuri (ta' Giezu) u ghalkemm il-kliem Provincja ta' San Pawl Appostlu li jidhru fil-kuntratt in kwistjoni, ma jissemmux, s-socjeta' konvenuta dakinhar ma sabet ebda oggezzjoni.

Illi minn dan kollu jidher li l-oggezzjoni tas-socjeta' konvenuta mhijiex gustifikata billi l-Patrijiet Frangiskani (OFM) u l-patrijiet Frangiskani tal-Provincja ta' San Pawl Appostolu" huma l-istess haga. Ghalhekk l-korrezzjoni fic-citazzjoni kif mitluba, ghalkemm fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas ma hija mehtiega, ser tigi akkordata.

Il-Qorti ghalhekk tilqa' t-talba attrici kif maghmula fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2000 u tordna l-korrezzjoni rikjesta.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri